MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2799/2002

**Grima Communications Co. Ltd**

**Vs**

**Raymond Vella u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2003 giet kjamata in kawza "Fekruna Ltd"**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal-hlas ta' Lm202.90 (mitejn u zewg Liri Maltin u disghin centezmu) dovuti ghal servizzi ta' reklamar.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-24 ta’ Settembru 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-2 ta’ Dicembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------